



2024/1333

21.5.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1333

tas-17 ta' Mejju 2024

li jemenda u jikkoreġi l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni ta' ħut ħaj, krustaċji ħajjin u prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk l-annimali u ċerti prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2), il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 238(3) u 239(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 90, l-ewwel paragrafu, il-punt (a) u l-Artikolu 126(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ⁽⁴⁾ jistabilixxi regoli dwar iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali previsti fir-Regolament (UE) 2016/429, iċ-ċertifikati u l-attestazzjonijiet uffiċjali previsti fir-Regolament (UE) 2017/625, u ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali bbażati fuq dawk iż-żewġ Regolamenti, meħtieġa, fost l-oħrajn, għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kunsinni ta' annimali u oġġetti.

⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/853/oj>.

⁽²⁾ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj>.

⁽³⁾ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj>.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jstabilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/2235/oj).

- (2) Il-Kapitolu 28 (mudell FISH-CRUST-HC) tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' ħut ħaj, ta' krustaċji ħajjin u ta' prodotti ta' orijini mill-annimali minn dawk l-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2744 ⁽⁷⁾ issostitwixxa dak il-Kapitolu. Fil-punti II.2.6.2(i) u (iii) tal-Kapitolu 28 sostitwit, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2744 kien fih żewġ noti żejda. Fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ li dawk in-noti jitħassru.
- (3) Il-Kapitolu 29 (mudell EU-FISH) tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem maqbuda minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru u ttrasferiti f'pajjiżi terzi bil-ħżin jew mingħajru. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2744 ħassar il-Parti II ta' dak il-Kapitolu bi żball. Għalhekk, jenħtieġ li l-parti II ta' dak il-Kapitolu terġa' tiddaħħal, u, għal raġunijiet ta' ċarezza, l-ordni tal-punti tiġi mmodifikata.
- (4) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE ⁽⁸⁾ tħassret u d-dispożizzjonijiet tagħha dwar id-dħul fl-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 29 ta' dik id-Direttiva ġew inkorporati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 ⁽⁹⁾. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE ⁽¹⁰⁾ tħassret u d-dispożizzjonijiet tagħha ġew inkorporati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 ⁽¹¹⁾. Għalhekk, huwa meħtieġ li r-referenzi għal dik id-Direttiva u għal dik id-Deċiżjoni fil-Kapitolu 29, il-Parti II, tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, jiġu adattati kif xieraq fit-test li għandu jerġa' jiddaħħal.
- (5) Peress li l-prodotti tas-sajd mill-qbid selvaġġ huma esklużi mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292, jenħtieġ li tiġi introdotta għażla ta' ċertifikazzjoni separata għal dawk il-prodotti fil-Kapitolu 29, il-Parti II, tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235. Fir-rigward tal-kontaminanti, jenħtieġ li dik l-għażla ta' ċertifikazzjoni tirreferi għall-konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 ⁽¹⁰⁾, u, fir-rigward tar-residwi tal-pestiċidi, għall-konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹¹⁾.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jiġi emendat u kkoreġut kif xieraq.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2744 tal-20 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u attestazzjoni privata, għad-dħul fl-Unjoni jew it-tranżitu mill-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, u ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati (ĠU L, 2023/2744, 15.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2744/oj).

⁽⁸⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1996/23/oj>).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 tas-6 ta' Settembru 2022 li jissupplementa r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 304, 24.11.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2292/oj).

⁽¹⁰⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2011/163\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2011/163(1)/oj)).

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/405/oj).

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 tal-25 ta' April 2023 dwar il-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 (ĠU L 119, 5.5.2023, p. 103, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/915/oj>).

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj>).

- (7) Peress li l-emendi li saru fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2744 daħlu fis-seħħ fl-4 ta' Jannar 2024, fl-interess taċ-ċertezza legali u biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ, jenħtieġ li l-emendi u l-korrezzjonijiet li saru fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 permezz ta' dan ir-Regolament isiru effettivi b'urġenza. Id-dħul fis-seħħ urġenti tal-emendi u tal-korrezzjonijiet huwa mingħajr preġudizzju għall-fatt li, f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2744, sal-15 ta' Settembru 2024, il-kunsinni ta' ħut ħaj, krustaċji ħajjin u prodotti ta' orġini mill-annimali minn dawk l-annimali u ċerti prodotti tas-sajd akkumpanjati miċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali xieraq jew miċ-ċertifikat uffiċjali xieraq maħruġ f'konformità mal-mudelli stabbiliti fil-Kapitoli 28 u 29 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, kif applikabbli qabel l-emendi li saru lil dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2744, jibqgħu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni dment li ċ-ċertifikat ikun inħareġ mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju 2024.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 huwa emendat u kkoreġut f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

L-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 huwa emendat u kkoreġut kif ġej:

(1) fil-Kapitolu 28, il-punt II.2.6.2. huwa sostitwit b'dan li ġej:

“II.2.6.2. l-annimali akkwatiċi ma jiġux ittrasportati f'kundizzjonijiet li jipperikolaw l-istatus tas-saħħa tagħhom, b'mod partikolari:

- (i) meta l-annimali akkwatiċi jiġu ttrasportati fl-ilma, li dan l-ilma ma jbidilx l-istatus tas-saħħa tagħhom;
- (ii) il-mezz tat-trasport u l-kontejners huma mibnija b'mod li l-istatus tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi ma jiġix ipperikolat matul it-trasport;
- (iii) [il-kontejner] ^(*) [id-dgħajsa barrada] ^(*) [ma ntuża/t qatt] ^(*) [imnaddaf/fa u ddiżinfettat(a) f'konformità ma' protokoll u bi prodotti approvati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju ta' oriġini] ^(*), qabel il-ħin tat-tagħbija għad-dispaċċ lejn l-Unjoni;”;

(2) fil-Kapitolu 29, jiżdied dan li ġej:

“PAJJIŻ

Mudell taċ-ċertifikat EU-FISH

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa		II.a	Referenza taċ- ċertifikat	II.b	Referenza tal- IMSOC
Parti II: Ċertifikazzjoni	II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika				
	Jien, iffirmat hawn taħt, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, b'dan niċċertifika li l-prodotti tas-sajd, deskritti fil-Parti I:				
	(a) ġew żbarkati u nħattu b'mod iġjeniku mill-bastiment(i) approvat(i)/reġistrat(i) ⁽¹⁾ (indika n-numri tal-approvazzjoni/tar-reġistrazzjoni u isem l-Istat(i) Membru/i tal-bandiera) f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti stipulati fil-Kapitolu II tat-Taqsima VIII, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;				
	(b) ikunu akkumpanjati minn verżjoni(jiet) stampata/i ⁽²⁾ tad-Dikjarazzjoni tat-Trażbord/Dikjarazzjoni tal-Ħatt jew mill-partijiet rilevanti tagħha ⁽²⁾ ;				
	⁽³⁾ jew [(c) jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-akkwakultura pprovduti mill-pjan ta' kontroll sottomess f'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 u l-pajjiż terz jew territorju kkonċernat tal-oriġini tal-prodotti tas-sajd ikun elenkat bl-entrata “X” għall-akkwakultura fl-Anness-I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405;]				
	⁽³⁾ jew [(c) ikunu prodotti tas-sajd minn qbid selvaġġ li għalihom hemm arranġamenti ta' monitoraġġ fis-seħħ biex tiġi kkontrollata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kontaminanti f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915, u dwar ir-residwi tal-pestiċidi f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;]				
	⁽³⁾ [(d) inħażnu f'maħżen/imħażen imkessaħ/imkessħa elenkat(i) fl-UE (indika n-numru(i) tal-approvazzjoni) f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tat-Taqsima VIII, il-Kapitolu VII, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;]				
	⁽³⁾ [(e) jekk applikabbli, tgħabbew b'mod iġjeniku fuq il-bastiment(i) approvat(i) (indika n-numru/i tal-approvazzjoni u l-bandiera tal-bastimenti tal-Istat(i) Membru/i jew tal-pajjiż(i) terz(i) f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fit-Taqsima VIII, il-Kapitolu I u VIII, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;]				
	⁽³⁾ [(f) tgħabbew f'kontejner (indika n-numru tal-kontejner), jew fi trakk (indika n-numru ta' reġistrazzjoni tat-trakk u tat-trejler), jew f'ingenuju tal-ajru (indika n-numru tat-titjira) f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tat-Taqsima VIII, il-Kapitolu VIII, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.]				
	Noti				
F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat uffiċjali jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.					
Dan iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jmintela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.					

PAJJIŻ

Mu de II taċ-ċertifikat EU-FISH

	<p>Parti I:</p> <p>Kaxxa bin-numru ta' referenza I.11: Indika l-isem, l-indirizz u n-numru tal-maħżen/imħażen imkessaħ/imkessaħ elenkat(i) fl-UE fil-pajjiż terz ta' dispaċċ, jew, f'każ li l-prodott ma kienx f'ħażna kiesħa, indika l-isem u n-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-bastiment(i) ta' oriġini li jtajjar/jtajru l-bandiera tal-Istat Membru.</p> <p>Kaxxa bin-numru ta' referenza I.15.: Indika l-mezz ta' trasport li jitlaq mill-pajjiż terz ta' dispaċċ. Fil-każ ta' bastiment(i) friża/reefer, indika l-isem tal-bastiment(i), in-numru tal-approvazzjoni u l-Istat tal-bandiera; fil-każ ta' bastiment(i) tas-sajd, indika n-numru tar-reġistrazzjoni u l-Istat tal-bandiera. Jekk il-mezzi tat-trasport ikunu kontejners, trakkijiet jew inġenji tal-ajru, għandhom jiġu ddikjarati l-istess indikazzjonijiet kif previst fil-punt II.1(f).</p> <p>Kaxxa bin-numru ta' referenza I.20: Immarka "Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned" għall-ħut sħiħ inizjalment iffriżat fis-salmura f'temperatura ta' -9 °C jew f'temperatura ogħla minn -18 °C u maħsub sabiex ikun ippreżervat fil-laned f'konformità mar-rekwiżiti tat-Taqsima VIII, il-Kapitolu I, il-Parti II, il-punt 7, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Immarka "Prodotti għall-konsum mill-bniedem" jew "Ipproċessar ulterjuri" għall-każijiet l-oħrajn.</p> <p>Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: "Kodiċi NM": Indika l-kodiċi(jiet) xieraq/xierqa tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali taħt l-intestaturi li ġejjin: 0301, 0302, 0303, 0304, 0305, 0306, 0307, 0308, 0511, 1504, 1516, 1518, 1603, 1604, 1605 jew 2106.</p> <p>"Tip ta' trattament": Speċifika jekk hux imkessaħ, iffriżat jew ipproċessat.</p> <p>Parti II:</p> <p>(¹) Jinkludi bastiment(i) tas-sajd, bastiment(i) fabbrika, bastiment(i) friża u reefer kif applikabbli.</p> <p>(²) Jiġi aċċettat ukoll format elettroniku. Id-Dikjarazzjoni tat-Trażbord għandha tintuża jekk ma jsir l-ebda ħżin u d-Dikjarazzjoni tal-Ħatt għandha tintuża jekk isir ħżin.</p> <p>(³) Ħassar jekk mhux applikabbli.</p>						
	<p>Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni</p> <table style="width: 100%; border: none;"> <tr> <td style="width: 50%;">Isem (b'ittri kbar)</td> <td style="width: 50%;">Kwalifika u titolu</td> </tr> <tr> <td>Data</td> <td>Firma"</td> </tr> <tr> <td>Timbru</td> <td></td> </tr> </table>	Isem (b'ittri kbar)	Kwalifika u titolu	Data	Firma"	Timbru	
Isem (b'ittri kbar)	Kwalifika u titolu						
Data	Firma"						
Timbru							